**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 10 ta' Marzu, 2025

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Rodney Borg)**
**-vs-**
**Lawrence Spiteri, detentur tal-karta tal-identità numru 44281M.**

*Kumpilazzjoni Nru.: 521/2004*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Lawrence Spiteri** u ċioe talli:

Bejn l-1 t'Ottubru 2003 u t-30 ta' Diċembru 2003, fil-Belt Valletta u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq li jeċċedi l-elfejn Lira Maltin (LM2000) bi ħsara ta' Anne-Marie Mizzi u dan bi ksur tal-artikoli 308, 309 u 310 tal=Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Approprija ruħu billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, somma ta' flus li teċċedi l-elfejn Lira Maltin (LM2,000), liema somma ta' flus ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd jew li jsir użu minnha speċifikat, u dan għad-detriment ta' Anne-Marie Mizzi u dan bi ksur tal-Artikolu 293 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

   Il-Qorti ġiet mitluba sabiex jekk ikun il-każ, f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tikkundanna Lawrence Spiteri għall-ħlas ta' spejjeż li

jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat,

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fit-13 ta' Mejju, 2024.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar it-12 ta' Frar, 2025, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali kif reż applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, u ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Mill-fattispecie tal-każ l-għemil tal-imputat jinkwadra taħt l-ewwel imputazzjoni u ċioe dik ta' frodi.

**PIENA**

Fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena l-Qorti qieset in-natura tal-imputazzjonijiet li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-ammissjoni tal-imputat li qed tingħata wara li l-każ kien differit għall-provi difiza sa mit-2 ta' Novembru, 2016.

Il-Qorti qieset kif dan il-proċediment karkar għal dawn is-snin kollha minħabba l-imġieba tal-imputat li konstantament kien jonqos milli jidher għas-seduti. Ġiet kunsidrata l-fedina penali aġġornata tal-imputat hekk kif ordnata minn din il-Qorti; il-karattru refrattarju tal-imputat ma jaghti l-ebda komfort lill-Qorti.

Inoltre piż kbir ingħata lil fatt li minkejja t-trapass ta' zmien l-imputat naqas li jizarċixxi l-parte leża in toto għal dak iffrodat minnu. L-ammont iffrodat kien dak ta LM5,800 u sal-aħħar pagament li jirrisali ghal 24 ta' Frar, 2023, il-bilanċ hu dak ta' erbat elef, tlett mija tnejn u tmenin Ewro u żewġt ċenteżmi (€4, 382.02c). Minflok uża l-fuq minn għoxrin sena biex patta għall-għemilu ħalla mara li fdatu tiċċaħħad minn flejjes li ħadmet b'tant għaqal għalihom. Il-Qorti mhux ser takkorda aktar zmien lill-imputat biex jagħmel tajjeb għall-attività kriminali tiegħu versu persuna li fdatu w għamlet minn kollox biex tgħinu.

Finalment il-Qorti qieset li l-piena erogabbli għar-reat ta' frodi fiż-żmien li seħħ ir-reat kienet dik ta' bejn it-tlettax il-xahar u seba' (7) snin priġunerija.

**DECIDE**

Ghal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu w tikkundannah ghal **sentejn (2) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal tlett (3) snin millum.

Inoltre a tenur tal-Artikolu 28H u 532A tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-imputat sabiex fi żmien sitt (6) xhur mil-lum, **b'rati mensili**, jirrestitwixxi l-ammont tal-bilanċ minnu dovut lil Anne Marie Mizzi u ċioe l-ammont ta' erbat elef, tlett mija tnejn u tmenin Ewro u żewġt ċenteżmi (€4,382.02c) u ċioe seba' mija u tletin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu kull xahar (€730.33).

Dan l-Ordni għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Finalment ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabiltà tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali

jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija jew jekk ma jsegwix id-direttiva fuqu imposta kif kontemplata bl-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**